# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)

## Seduta mizmuma llum, 7 ta' Marzu 2018

## Rikors Numru: 311/2013 CSH

## Charichelon Company Limited [C-14614]

## vs

## Alkida Rama

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Ottubru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma komplessiva ta' sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900), liema somma hija dovuta minnha meta hija tterminat unilateralment l-impjieg taghha permezz ta' ittra bla data izda li s-socjeta' rikorrenti rceviet fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) mibghuta minnha stess lis-socjeta' rikorrenti u dan bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg datat wiehed u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (21.10.2010) hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, liema kuntratt gie debitament iffirmat minnha fl-21 ta' Ottubru, 2010, b'effett mill-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (25.10.2010) u dan ghal perjodu definit ta' erba' snin.

Illi minkejja li hija giet interpellata biex thallas l-ammont hawn fuq indikat, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija msejjha in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **Alkida Rama** li giet prezentata fit-12 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Fl-ewwel lok, u in linea preliminari, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li l-esponenti titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens n-numru tal-Karta t'Identita' taghha kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok 'AR1';*

2. *Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-intimata kellha raguni tajba, valida u sufficjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impjieg taghha stante t-trattament kiefer u kundizzjonijiet mhux xierqa, fosthom l-obbligu ta' sighat mahduma eccessivi tant li rrizultaw f'periklu reali bosta drabi ghall-intimata kif ukoll ksur ta' drittijiet taghha bhala mpjegata inkluz tichid kontinwu ghal talbiet ta' 'leave', fost affarijiet ohra u dan kif ser jigi pruvat mill-esponenti fid-dettall waqt is-smigh tal-kawza jekk ikun il-kaz;*

3. *Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsiasi kaz ma sehh l-ebda ksur tal-kuntratt tal-impjieg datat 21 t'Ottubru, 2010 kif allegat mir-rikorrenti u dan stante li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 36 (14) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jezenta lill-impjegat mill-obbligu li jaghti avviz tat-temm tal-impieg;*

4. *Fir-raba' lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsiasi kaz li l-kuntratt ta' impjieg de quo jidderoga mill-ligi favur l-impjegat fis-sens li*

*anke kieku kellu jinstab li l-intimata ma kellhiex raguni tajba li tittermina l-impjieg taghha mal-attrici kull ma ghandha thallas ghas-saldu huwa l-korrispettiv ta' xahar paga u dan kif ser jigi dettaljatament spjegat waqt is-smigh tal-kawza;*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri skond il-ligi*

*Ghalhekk l-esponenti topponi ghat-talba tas-socjeta' attrici u tissottometti umilment li ghaldaqstant ghandha tigi michuda u l-esponenti liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tas-socjeta' attrici."*

**Colin Aquilina** li jokkupa l-kariga ta' Head of Finance and Business Development mas-socjeta' attrici xehed fl-4 ta' Dicembru 2013 u spjega li l-konvenuta Alkida Rama kienet avvicinat lis-socjeta' attrici fis-sena 2010 wara li s-socjeta' attrici kienet harget applikazzjoni ghal *make-up artists*. Hija kienet baghtet CV, liema CV giet esebita u immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH.

Ix-xhud spjega li bhala prassi tal-kumpanija huma ghaddewlha *questionnaire* sabiex timliha u huwa esebixxa kopja ta' dan l-istess *questionnaire* li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH1. Fl-istess interview huwa kien spjegalha l-kundizzjonijiet ta' dan ix-xoghol u hi kienet tidher herqana hafna sabiex tibda tahdem mal-kumpanija. Fil-fatt l-ghada fid-29 ta' Settembru, 2010 hija kienet baghtitlu email, liema email esebixxa kopja taghha u l-qorti mmarkat bhala dokument CSH2 fejn qalet li kienet qed taccetta l-kundizzjonijiet li kienu tkellmu dwarhom u kienet qed tistenna r-risposta minn ghandu sabiex tara jekk kinitx giet accettata sabiex tibda l-impjieg taghha. Ix-xhud iddiskuta l-impjieg taghha *at board level*, b'mod partikulari certi kundizzjonijiet li kienu jinteressaw il-kumpanija attrici u eventwalment baghtu ghaliha sabiex tiffirma

l-kuntratt. Il-kuntratt kien sar fit-21 ta' Ottubru 2010, li huwa dak esebit fl-atti immarkat bhala dokument B a fol 3.

Effettivament dakinhar li marret tiffirma l-kuntratt, il-konvenuta kienet hadhet persuna ohra maghha sabiex tifhem is-sustanza tal-kuntratt. Hija ffirmatu u pprocedew minn hemmhekk. Ix-xhud tenna li skont il-kuntratt in kwistjoni, hija kienet impjegata maghhom ghal perjodu fiss ta' erba' snin. Waqt din l-istess laqgha kienet iffirmat ukoll il-formola ta' l-ETC u eventwalment din il-formola giet registrata mal-ETC. Huwa esebixxa dawn iz-zewg formoli, li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH4 u CSH5 rispettivament.

Ix-xhud iddikjara li l-impjegati tal-kumpanija, kull sena jigu assessjati dwar il-performance taghhom, u kull Jannar issir a 360 degrees *appraisal process* tal-impjegat, u din is-sitwazzjoni ta' kull impjegat tigi diskussa mal-*management* tal-kumpanija. Huwa stqarr li sakemm damet il-konvenuta maghhom, ghaddiet minn diversi fazijiet u matul iz-zmien imxiet fil-karriera taghha mal-kumpanija. Fil-fatt fi stadju qasir wara s-sena 2011 hija nghatat *promotion*. Huwa esebixxa email, fejn qed tirringrazzja lid-diretturi ta' dik il-*promotion* partikulari li kienet inghatat. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CSH3. Matul iz-zmien li hija damet impjegata maghhom kif jaghmlu ma' kull impjegat iehor, huma investew fit-*training* taghha, mhux biss bhala make-up artist, izda anke bhala *management skills* li s-sinjorina Rama ma kellhiex meta dahlet tahdem mal-kumpanija. Huwa esebixxa kopja tac-certifikati li nhargu fil-konfront taghha mill-kumpanija MISCO li gew immarkati bhala dokument CSH6. Esebixxa wkoll serje ta' emails li il-konvenuta Rama kienet tibghatilhom meta bdiet tahdem maghhom sabiex tirringrazzjahom ghal *efforts* taghhom sabiex igibu c-cittadinanza Maltija.

Eventwalment fis-27 ta' Frar 2013, il-kumpanija li tiehu hsieb l-IT Infrastructure taghhom, li hija wkoll responsabbli tal-monitoring ta' dak li jkun qed jigri *online* kemm fl-infastruttura tal-kumpanija kif ukoll barra l-

infastruttura tal-kumpanija gibdulu l-attenzjoni li s-sinjorina Rama kienet dahlet fuq il-Facebook taghha prodotti ta' kumpanija kompettitrici taghhom u fil-fatt din kienet il-page taghha. Huwa sostna li dan kien jammonta ghal ksur tal-kuntratt, li kien jghid car li l-impjegat ma setghax jipromwovi prodotti li huma f'kompetizzjoni mal-kumpanija taghhom u ghalhekk huwa talab li tohrog memo ghall-istaff tal-kumpanija kollha, sabiex ifakkarhom fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt, u jfakkarhom ukoll fil-klawsola partikulari, fejn ma jistghux jippromwovu prodotti li huma b'kompetizzjoni mal-kumpanija. Huwa esebixxa wkoll kopja tad-dokumentazzjoni relatata mal-facebook taghha, li gew immarkati bhala dokument CSH8 kif ukoll kopja tal-memo mahruga mill-kumpanija u li giet immarkata bhala dokument CSH9. Fil-fatt dan il-memo gie mibghut lill-impjegati kollha, u dan il-memo gie wkoll iffirmat mill-konvenuta fil-prezenza ta' *head of administration*. Hamest ijiem wara li gie ffirmat dan l-istess memo ircieva r-rizenja tal-konvenuta odjerna. Huwa esebixxa kopja tal-ittra tar-rizenja, li giet immarkata bhala dokument CSH10. Ix-xhud stqarr li din l-ittra ma' kelliex data pero' meta rceviha, huwa nizzel id-data u cioe' l- 4 ta' Marzu 2013.

Ix-xhud tenna li huwa kien baghat ghas-sinjorina Rama sabiex jispjegalha l-kundizzjonijiet u t-termini tal-kuntratt, u jekk mhux sejjer zball kien kellimha fuq it-telephone u kienet qaltlu li inizjalment kienet ser tissettilja kollox u cioe' li tonora l-kuntratt kif stabbilit bil-ligi, pero' baqghet qatt ma resqet lejhom. Huwa stqarr li meta jghid jonora jigifieri fis-sens li fehmet li kellha thallas il-penali kif indikat u stipulat fl-istess kuntratt. Il-konvenuta kemm-il darba cemplitlu sabiex jikkomunika mal-avukat taghha u fil-fatt huwa qalilha li jekk l-avukat taghha xtaq jikkomunika maghhom seta' facilment jikkomunika mal-avukat taghhom. Huwa ghadda l-kuntatti taghhom ta' Dr Galea lil Alkida Rama, izda Dr Refalo qatt ma kkommunika ma' Dr Galea. Kien dan kollu li wassalhom sabiex jifthu din il-kawza odjerna. Huwa esebixxa kopja tal-kalkoli mahruga minnu dwar l-ammont mitluba minnhom u dan id-dokument gie

mmarkat bhala dokument CSH11. Naturalment dawn il-kalkoli huma bbazati fuq il-kuntratt li naturalment fil-fehma tieghu sar skont il-ligi.

Ix-xhud sostna li kull sena jaghmlu kalkolu biex jaraw piu' o meno kemm ikunu hadmu bhala sighat l-impjegati taghhom. L-ahhar rapport li ghandu dwar *retail division*, impjegat bhala *make-up artist* jahdem average ta' tlieta u erbghin siegha fil-gimgha, u impjegat li huwa ta' grad ghola, assistant manager jew manager jahdem bejn sebgha u erbghin u tmienja u erbghin siegha fil-gimgha. Qal li ma kellux problema sabiex igib kopja tas-sighat li effettivament hadmet il-konvenuta. Bhala prassi huma jitolbu li kull Jannar l-impjegati jitolbu ghal ghoxrin jum leave u f'Jannar stess dak il-leave kollu jigi approvat. L-ewwel jitolbu lill-impjegati sabiex jirrangaw bejniethom dwar il-granet tal-leave li ser jiehdu, pero' imbaghad hemm certu sistema bhal per ezempju dawk li huma aktar anzjani fis-sens ta' *seniority* jiehdu *leave* qabel. Fis-sens li f'Jannar huma japplikaw ghal *leave* li huma jkunu ser jiehdu tul is-sena kollha.

**Colin Aquilina rega** xehed fit-8 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li waqt li l-konvenuta baqghet impjegata maghhom, qatt ma qalet li kienet applikat ghal xi leave u dan ma nghatax. Filfatt huwa sar jaf b'din l-allegazzjoni taghha mir-risposta taghha ghal kawza odjerna. Fl-ahhar seduta huwa kien gie mitlub biex jaghmel ir-ricerka sabiex jara x'kien irrizulta mil-leave taghha u ghalhekk huwa prezenta rapport fejn effettivament il-konvenuta kienet talbet wiehed u hamsin darba ghal leave fi granet differenti. Dan kien mit-23 ta' Frar 2012 sat-2 ta' Marzu 2013. Fost dawn id-diversi talbiet kien hemm cahda biss ghal sitt okkazjonijiet. Dan id-dokument gie esebit u l-Qorti mmarkatu bhala dokument ROCS. Huwa spjega li dawn is-sitt okkazjonijiet ma kinux gew milqugha minhabba kwistjonijiet ta' xoghol. Ghalhekk minn kalkoli tax-xhud tmienja u tmenin fil-mija tal-kazijiet tat-talbiet taghha kienu gew milqugha.

Ix-xhud tenna li meta mpjegat tal-kumpanija taghhom tapplika ghal-leave, tkun trid timtela' formola apposta u filfatt huwa esebixxa kopja ta' din l-istess

formola li l-Qorti mmarkat bhala dokument ROCS1, fejn ikun hemm il-firma tal-impjegat u tal-manager tieghu. Huwa esebixxa wkoll e-mail li kienet harget mill-*head of administration* liema email hi datata 1 ta' Frar 2013 li hi ndirizzata lid-diretturi tal-kumpanija fejn il-konvenuta kienet talbet xi *leave* u ghalkemm ma kienx gie approvat hija ma dahlitx ghax-xoghol. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument ROCS2.

Huwa sar jaf, wara li nfethet il-kawza odjerna, li l-konvenuta kienet qed tilmenta fuq sighat ta' xoghol eccessivi. Huwa esebixxa rapport li jikkoncerna lill-konvenuta ghal perjodu ta' 1 ta' Marzu 2012 sa 2 ta' Marzu 2013. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument ROCS3. Dan ir-rapport hu maqsum f'zewg partijiet. Ix-xhud spjega li l-kumpanija ghandha sistema ta' *time and attendance* u dan billi kull impjegat jippancja b'idejh fis-sistema u dan hemm referenza ghalihom bhala Dakar Software System. Mir-rapporti tal-*palm reading* taghha stess jirrizulta li l-konvenuta hadmet medja ta' 44.5 sighat fil-gimgha u cioe' 40 siegha standard wage u erba' sighat u nofs overtime. Jekk dan l-overtime habat nhar ta' Hadd dan kien ikun paga doppja u jekk ikun festa matul il-gimgha kienet tkun tripla. Fit-tieni parti ta' dan ir-rapport hemm referenza ghal meta mpjegata tkun insiet tillogja l-*palm reading* taghha. Il-medja f'dan il-kaz huwa ta' 45.7 sieghat. Ix-xhud esebixxa bhala dokument ROCS4 id-dokumenti li jissostanzjaw ir-rapport fid-dokument ROCS3 u cioe' l-*palm reading* tal-konvenuta. Huwa tenna li bhala *policy* tal-kumpanija anke f'livell manigerjali, kull min jahdem *overtime* jithallas anke meta dan l-overtime ikun fil-hdud u fil-festi.

Ix-xhud sostna li dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenuta kif kontenuti fir-risposta taghha qatt ma gew sollevati waqt li l-istess konvenuta kienet impjegata maghhom jew li kien hemm xi zmien li giet trattata hazin jew li nghatat xi trattament li seta' wassal ghal xi hsara personali taghha. Huwa qal li minn Ottubru 2010 sa Novembru 2012, il-konvenuta telghat bi promozzjonijiet minn livell ta' *makeup artist,* ghal *assistant manager* u sussegwentement ghal

*manager*. Ix-xhud spjega li l-medja tas-sighat taghha kienu ta' 45 sighat u dan bhala overall fil-kumpaniji kollha. Filfatt kull impjegat fil-kumpanija jahdem medja ta' 45 siegha fil-gimgha. Huwa qal li bhala manager hija kienet titlaq tard mix-xoghol. Dan l-overtime ma kienx imgieghel izda kien parti mir-responsabilita' taghha fil-kariga li kellha u dejjem thallset tieghu. Ix-xhud spjega li f'kull *location* ghandhom zewg *managers* u zewg *assistant managers* u dawn jiftiehmu bejniethom min ser ikun responsabbli jekk jibqa' wara l-hin.

Huwa spjega li waqt li l-konvenuta kienet ghadha mpjegata maghhom hija kienet dahlet f'diskussjonijiet ma' kumpanija kompetitrici taghhom biex tiftah hanut fuq l-istess linja taghhom u qal li effettivament kienu gibdulha l-attenzjoni taghha. Huma kienu baghtu email lil kull impjegat taghhom u jumejn u tlett ijiem wara hija ma resqitx aktar fuq il-post tax-xoghol. B'dan huwa ghamel referenza ghal dokument CSH9 esebit fl-atti a fol 57 datat 28 ta' Frar 2013. Huwa spjega li kien baghat ghaliha sabiex jistaqsiha jekk dak kienx minnu jew le u sostna li dakinhar hija kienet kompletament *in denial* izda sussegwentament wara li kien ipprezenta l-*memo* effettivament hija telqet mix-xoghol wara erbat ijiem. Hu ddikjara li ghalhekk huma qed jitolbu penali kif deskritt fil-kuntratt esebit fl-atti. Filfatt it-talba taghhom hi bbazata fuq dokument esebit fl-atti a fol 60 u mmarkat bhala dokument CSH11. Huwa qal li l-kalkolu taghhom huwa bbazat fuq il-paga bazika ta' meta hi bidet l-impjieg taghha jigifieri f'Ottubru 2010. Ghalhekk il-kalkoli taghhom gew maghmula b'mod konservattiv.

**Colin Aquilina** xehed in kontro-ezami fl-4 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li originarjament il-konvenuta kienet giet impjegata maghhom bhala *make-up artist* u kien hemm numru ohrajn ta' *make-up artists* li kienu impjegati wkoll. Numru minnhom ghadhom jahdmu maghhom sa' llum u ohrajn le u dawk li ghadhom maghhom kellhom il-kuntratt taghhom li spicca u zammewhom. Huwa spjega li meta jispicca l-kuntratt taghhom huma jibqghu tal-post b'mod indefinit. Dawk il-haddiema li jkunu telqu jkollhom ragunijiet varji ghalfejn

jaghmlu dan. Ix-xhud tenna li minn naha tal-kumpanija attrici, il-*policy* taghha hija kemm jista' jkun li meta timpjega persuna timpjegaha *on a long term basis.* Fil-fatt ghandhom uhud mill-impjegati taghhom li ilhom maghhom ghal erbghin sena piu' o meno bl-istess kundizzjonijiet tal-konvenuta. Naturalment il-ligi tal-impjieg inbidlet u ghalhekk maz-zmien adegwaw ruhhom mal-ligijiet tal-gurnata.

Ix-xhud tenna li fl-ahhar parti tad-depozizzjoni tieghu tas-seduta precedenti kien gie mitlub mill-Qorti sabiex jaghti l-hinijiet li hadmet bihom il-konvenuta. Huwa dakinhar lill-Qorti kien qalilha li ma kienx jaf ezattament kemm kienet hadmet sighat il-konvenuta. Huwa kien qal li l-average ta' *make-up artist* huma 43, 44 sighat fil-gimgha u l-assistant managers kellhom average ta' 47, 48 sighat fil-gimgha. Ix-xhud sostna li l-payslips taghhom huma affidabbli. Gie muri l-payslip tax-xahar ta' Frar 2013. Spjega li f'dan ix-xahar il-*basic pay* tal-konvenuta kien €707.89 u dan ifisser li hija hadmet 163.36 sighat. Huwa tenna illi xahar ma jfissirx erba' gimghat ghax gieli kien hemm granet zejda u ghalhekk ma jigix 160 siegha bl-ezatt. Fil-fatt hemm indikat somma ta' €64.64 bhala allowance li jahseb li hija *commission*. Il-pre-tax *adjustmen*t ta' mitt ewro huwa l-allowance li kienet tircievi hi fil-vesti taghha ta' *assistant manager* u *overtime* f'dan ix-xahar partikolari kellha 46.75 hours li jammonta ghal €286.39. Per ezempju fil-payslip ta' wara tax-xahar ta' Marzu 2013, kien hemm *overtime hours* ta' 36.43 u ghalhekk ikkonferma li dakinhar fi Frar 2013 il-konvenuta hadmet 163.36 siegha bhala *basic pay* u 46.75 siegha bl-overtime rate u ghalhekk giet li hadmet iktar minn mitejn siegha. Pero' naturalment dan ma jfissirx illi kull xahar hija tkun hadmet daqshekk sighat. Fix-xahar ta' Frar 2013 il-konvenuta kellha 28 siegha leave nkluz fil-163.36 siegha, jigifieri tkun thallset ghalih u ma hadmitux. F'dak ix-xahar ma kinitx hadmet fil-25, 26, 27 ta' Frar. F'Dicembru jaf li l-konvenuta hadmet 224.74 siegha. Meta huwa kien qal li l-konvenuta hadmet bejn wiehed u iehor 47 siegha huwa ried ifisser li l-konvenuta tkun fil-hanut ghal dawn is-47 siegha. Il-granet ta' leave li tkun hadhet f'dik il-gimgha partikolari ma jkunux inkluzi. Jekk mhux sejjer zball

skont il-ligi, il-konvenuta hija ntitolata 24 gurnata f'sena. L-overtime standard dejjem inhadem skont 1.5. Jekk ikun gurnata pubblika jew il-Hadd tkun doppja. Jekk tkun il-Hadd u festa pubblika fl-istess hin, il-gurnata tkun trippla. Ix-xhud ikkonferma li l-assistant manager jahdem aktar minn normal pero' hemm klawsola partikolari fil-kuntratt li tiftahlu ghajnejh. Dana skont klawsola 6B tal-istess kuntratt. Il-konvenut ghandha dritt li jekk trid tittermina dan il-ftehim li tkun iffirmatu u cioe' tal-48 hour, sa 48 siegha irid jahdem bilfors u jekk irid jittermina din il-klawsola li ma jahdimx aktar minn 48 siegha jaghtihom avviz tliet xhur qabel u Ms. Rama qatt ma talbithom dan. Il-kuntratt ikun wiehed partikolari ghall-klijent.

**Colin Aquilina** riprodott xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li fl-ahhar seduta kien gie mitlub sabiex jaghmel rapport dwar il-hinijiet li hadmet fihom il-konvenuta. Effettivament mill-provi originali taghhom kien hemm diga' dan ir-rapport. Huwa kien spjega wkoll fix-xhieda tieghu precedenti li hemm zewg tipi ta' rapporti li johorgu skont il-*logging* tal-hinijiet. Wiehed mir-rapporti huwa digitali permezz ta' *palm reader* u l-iehor huwa manwali minhabba li whud mill-impjegati jinsew jaghmlu l-*palm reading*. Ghalhekk biex ikun hemm logging tajjeb irid ikun hemm dawn iz-zewg rapporti. Ix-xhud esebixxa rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. Dan id-dokument jirreferi ghal xoghol li sar minn Gunju tas-sena 2012 sa Frar 2013 fejn f'dan ir-rapport huwa dar il-hinijiet kollha li l-konvenuta effettivament hadmet maghhom u hareg l-averages sabiex wiehed ikun jista' janalizza kemm effettivament il-konvenuta hadmet fil-gimgha. Huwa spjega illi jekk jiehu l-average ghall-perjodu kollu l-average johrog ta' 45.71 hours. Pero' jekk imbaghad jiehu perjodu partikolari ta' sittax-il gimgha cioe' per ezempju minn Lulju sa Ottubru l-average johrog *44.60* hours. Imbaghad ix-xhud ha minn Novembru sa Frar u l-average johrog 46.02 hours u dan qeghdin jaghmluh sabiex jikkjarifikaw il-pozizzjoni tal-konvenuta, hi x'qieghda tghid ghaliex x'setghat kienet ir-raguni li telqet.

Ix-xhud iddikjara li skont il-kuntratt kien hemm miktub ukoll illi l-konvenuta kellha tahdem aktar minn 45 siegha minn 48 siegha ghalkemm kellha d-dritt sabiex tinformahom tliet xhur minn qabel u dak l-arrangament hija twaqqfu. Pero' qal illi kemm dam jahdem maghhom huwa qatt ma rcieva talba simili. Huwa spjega illi peress illi l-pagi jithaddmu tlett ijiem qabel l-gheluq tax-xahar, l-overtime ta' dak ix-xahar jithallas mal-paga ta' wara u ghalhekk meta jharsu lejn il-payslips per ezempju ta' Jannar ikollha l-overtime ta' Dicembru u ghalhekk il-hinijiet rejali li wiehed ghandu jhares lejhom huma dawk rizultanti mid-Dokument Z.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn saritlu referenza ghal dokument RA1 li jinsab a fol 115 u 116 tal-process. Huwa tenna li l-*payslip* ta' fuq tkopri l-perjodu minn l-1 ta' Dicembru tas-sena 2012 sal-31 ta' Dicembru 2012 u jkopri l-overtime ta' Novembru tal-istess sena. Filfatt l-ammont ta' 53.92 huwa l-overtime ghax-xahar ta' Novembru. F'din il-payslip m'hemmx indikat li filfatt il-hlas ikun tax-xahar ta' qabel fir-rigward tal-overtime pero' hija prassi u l-impjegati tal-kumpanija lkoll jafu. Mistoqsi x'jindika n-numru 159.28 in brackets wiegeb li filfatt dan jindika l-ammont ta' sighat relatati mal-*basic pay*, waqt li l-ammont ta' 44.37 huma sighat ta' leave illi l-konvenuta ma tkunx hadhet matul is-sena u tithallas fl-ahhar tas-sena taghhom. Huwa stqarr illi m'hemmx ftehim stipulat bejn il-kumpanija u l-impjegati li l-leave li ma jittiehidx ghandu jithallas lilhom ghax ma jistax isir. Pero' spjega li bhala sinjal ta' *goodwill* tan-naha tal-kumpanija xorta jhallsuhom tal-hinijiet li ma jiehdux.

Huwa ddikjara li ma tistax tikkomputa u tghodd flimkien is-sighat tal-paga bazika, is-sighat ta' overtime u dawk il-granet jew sighat li ma tkunx hadmet il-konvenuta u dan ghaliex m'humiex relatati ma' xulxin. Mill-istess pay slip jirrizulta li effettivament l-ammont ta' 192 siegha li hemm fil-parti t'isfel jikkoncernaw is-sighat ta' leave li kienet intitolata ghalihom il-konvenuta ghas-sena sussegwenti u cioe' ghas-sena 2013. Fil-parti ta' fuq ta' din l-istess pay slip hemm miktub in-numru zero u dan jirreferi illi hija filfatt tkun hadhet il-

leave kollu taghha. Dan peress li kien gie saldat permezz tal-hlas li sar ghal dawk il-44.37 siegha. Filfatt il-konvenuta thallset l-ammont ta’ 167.68 ewro illi mhux indikat ghax ma titnizzilx. Huwa stqarr illi jista’ jkun illi s-sistema m’ghandhiex *free text format* li tista’ ddahhal din l-informazzjoni.

Ix-xhud iddikjara li huwa ma jistax jahdem l-average tas-sighat li l-konvenuta tkun hadmet f’Jannar abbazi ta’ dik il-payslip ghaliex il-payslips ezebiti jinkludu l-hinijiet li hija hadmet fix-xahar ta’ Dicembru. Il-pay slip ta’ Jannar hemm rata doppja ta’ *overtime* u cioe’ tal-Hdud u festi pubblici li tkun hadmet il-konvenuta fix-xahar ta’ Dicembru.

Rat in-nota tal-konvenuta **Rama Alkida** li giet ipprezentata fis-seduta tat-12 ta’ Frar, 2014 li permezz taghha pprezentat affidavit guramentat taghha (Dok. RA), estratt tar-rendikont tal-paga (Dok. RA1-RA2), rapport tal-incident tat-traffiku datat 19 ta’ Dicembru, 2012 (Dok. RA3) u *performance evaluation* datat 17 ta’ Marzu, 2011.

Rat l-affidavit tal-konvenuta li permezz tieghu ddikjarat li fis-sena 2010 hija kienet rat avviz tas-socjeta’ attrici fejn kienu qed ifittxu *make-up artists*. Hija applikat ghal din il-kariga peress li kienet studjat u hi kwalifikata f’din il-linja. Hija tiftakar li kienu cemplulha mill-kumpanija u nformawha li kienet giet maghzula u talbuha sabiex tiltaqa’ maghhom bl-iskop li jiffirmaw il-kuntratt. Fil-21 ta’ Ottubru, 2010 iltaqghu u wara li kienet giet pprezentata bil-kuntratt ta’ ghaxar pagni mimlija termini u kundizzjonijiet teknici li kienet kemm kemm issorvolat flimkien mas-sieheb taghha certu Malcolm Mintoff u dan minghajr ma fehmu precizament xi jfissru stante l-kumplessita’ tieghu, ghaddiet sabiex iffirmatu. Wara hija bdiet tahdem ma’ din il-kumpanija f’Ottubru tal-istess sena.

Il-konvenuta spjegat li hija bdiet tahdem fil-kariga ta’ *make-up artist.* Hija ma damitx wisq ma bdiet tirrealizza kemm l-impjegati kienu biss magni u numri ghas-socjeta’. Dan ghax il-kondizzjonijiet li bdew jimponu fuqhom l-impjegati

kienu jmorru oltre minn kiefra. Infatti tant hu hekk li hi ma kinitx l-unika mpjegata li hassitha maltrattata u filfatt bosta mpjegati ohra tterminaw l-impjieg taghhom ukoll tant kemm ma felhux aktar ghall-ingustizzji li kienu qeghdin isiru. Hija pprecizat li dawn kienu jikkonsistu f'hafna maltrattamenti individwali u mhux f'att wiehed singulari. Per ezempju hija spjegat illi ghalkemm fil-kuntratt hemm imnizzel li hi bhala mpjegata hi ntitolata ghal-*leave* hekk kif trid il-ligi, huma kienu jigu obbligati mis-socjeta' attrici biex jitolbu l-granet kollha tal-*leave* ta' matul is-sena fil-bidu nett ta' kull sena u cioe' fix-xahar ta' Jannar. Hija sostniet li ghalkemm kienet issegwi din il-procedura ma kinitx tircievi konferma izda kienet tirceviha ftit jiem qabel dik il-gurnata mitluba *leave*. Ghalhekk iddikjarat li hi kwazi mpossibbli li wiehed jippjana vaganza. Dwar dan ma kien issemma xejn la qabel ma gie ffirmat il-kuntratt u lanqas fil-kuntratt innifsu. Hija ddikjarat ukoll li l-impjegati li jiehdu hsieb ir-roster hawdu l-granet tal-festi tax-xahar ta' Dicembru fejn gew moghtija jew ibbukjati granet tal-leave li spiccaw sakemm biddluhomlhom minhabba l-*over bookings.* Dan ghaliha kien ifisser li ma kienitx lanqas tista' tiehu l-gurnata *leave* taghha. In oltre meta kienet tiehu gurnata *leave* kienu jispiccaw itellfulha l-gurnata *off* taghha. Hija ntitolata ghal gurnata *off* fil-gimgha u meta tiehu l-leave kienet tispicca tiehu l-gurnata *off* meta jridu huma jew inkella titlifha ghax tigi rrifjutatha mid-diretturi jew mill-*management*. Hija kienet giet mgharrfa wkoll li setghet tiehu *leave* fi granet li jahbtu l-Gimgha jew is-Sibt biss darbtejn ghal kull gurnata f'sena shiha. Dwar dan sostniet li ma kien hemm xejn imsemmi fil-kuntratt.

Il-konvenuta spjegat ukoll li ghalkemm kuljum suppost ikollhom *break,* hafna drabi lanqas biss kien ikollha cans tiehu wiehed minhabba li ma kien ikun hemm hadd biex johdilha postha. Huma suppost matul ix-*shift* kellhom ikunu zewg *managers* u *zewg assistant managers*, in-norma kienet li xi hadd kien jinzerta ma jidholx ghax-xoghol ghal xi raguni jew ohra u allura kienu jkunu *under-staffed.* Din is-sitwazzjoni kienet tiggrava fix-xahar ta' Dicembru ghax kien jigi permess min naha taghhom illi l-granet jigu bbukjati zzejjed bl-iskuza

li jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe kancellamenti imprevisti fl-appuntamenti. Pero' dan narament kien ikun il-kaz u sabiex ilahhqu max-xoghol zejjed u mat-tgergir tan-nies ghax kienu jixbghu jistennew kienet tispicca titlef il-*break* taghha.

Hija ddikjarat illi wara kull gurnata xoghol kienet tispicca tant ghajjiena li qas kienet tkun tiflah ticcaqlaq jew tibqa' mqajma. Intant sforz ta' dawn is-sighat u kundizzjonijiet dizumani, kienet tant giet ezawrita illi fi triqitha lura lejn darha gewwa l-Mellieha kienet involuta f'accident kwazi fatali fid-19 ta' Dicembru 2012 meta raqdet waqt li kienet qed issuq u nqalbet bil-karozza ghal isfel fit-telgha tal-Mellieha u dan jirrizulta mir-rapport tal-incident tat-traffiku li hu anness mal-affidavit u mmarkat bhala Dokument RA3. Il-konvenuta sostniet illi dakinhar ma mietitx fuq il-post b'miraklu ghax meta waqghet bil-karozza fl-ghalqa ta' taht it-triq kien hemm gebla li faqghet il-*windscreen* u giet erba' pulzieri boghod minn rasha. Colin Aquilina jaf sew b'dan l-incident peress li nzerta ghaddej minn dik it-triq ftit tal-hin wara. Hija kellha c-certifikat tat-tabib fejn inghad li kellha bzonn numru sostanzjali ta' jiem ta' mistrieh u ghalhekk setghet tuza' s-*sick leave* taghha izda xorta dahlet lura xoghol wara jumejn biss minkejja li kienet ghadha ma tiflahx ghax-xoghol. Dan ghax kemm kienet ilha tahdem maghhom kienet giet tant influwenzata li s-*sick leave* ghandu jintalab biss f'cirkostanzi eccezzjonali li bdiet thossha hatja u responsabbli li haddiehor kien qed jaghmel ix-xoghol taghha.

Rigward il-gurnata *off* fil-gimgha, hija tenniet li fir-realta' kemm-il darba cahduwielha. Hija thoss li dawn in-nuqqasijiet tal-*management* ma kellhiex tbaghtihom hi izda xorta wahda kienet taghmel sforz sabiex taghmel il-parti taghha, minkejja li bosta drabi kienet taghmlu kontra qalbha ghax kienet taf li ma kinitx tigi stmata kif haqqha. Dan is-sentimenet kompla jizdied partikolarment wara l-accident li kellha bil-karozza. Hija kkonfermat li wara sena li bdiet tahdem mal-kumpanija nghatat *promotion* fis-sens illi minn *make-up artist* inghatat il-kariga ta' *Assistant Manager*. Izda rrealizzat ftit wara li

bdiet tokkupa l-kariga li fir-realta' kien ifisser zieda sostanzjali fir-responsabbilta' ghaliha ghal zieda fil-paga ta' tlett ewro kuljum biss, kif jirrizulta mir-rendikont tal-paga anness mal-affidavit u mmarkat bhala Dokument 'RA 1' u 'RA 2'. Ghalkemm talbet lil Colin Aquilina jirrevizjonalha l-paga sabiex tirrifletti l-awment fix-xoghol tal-inkarigu l-gdid, dan tal-ahhar dejjem baqa' minghajr ma wegibha definittivament.

Fl-ahhar xhur qabel ma ddecidiet li tieqaf minhabba dawn il-kundizzjonijiet dizumani, l-affarijiet kienu qeghdin isiru verament insopportabli ghax lanqas *emergency leave* ma riedu japprovawlha meta ommha kellha appuntament importanti l-isptar u dan minkejja li kienu jafu li hi kienet l-unika membru tal-familja taghha f'Malta li setghat tassistiha. Filfatt fuq dan l-*emergency leave* kienu tawha risposta negattiva biss ftit qabel. Hija tiftakar sew li wara dak l-episodju Mrs Helen Vella Galdes li hija l-Head of Administration, ghamlet gimghat shah ma tridx taf biha jew tkellem lill-konvenuta.

Di piu' l-konvenuta ddikjarat li wara li jkunu approvawlha gurnata *leave*, xorta wahda kienu jcemplulha u javzawha biex tattendi ghal xi laqghat fl-istess gurnata li tkun bil-*leave*. Minhabba f'hekk hija kienet tispicca titlef il-maggiorparti tal-gurnata leave taghha.

Hija qalet li kienet spiccat tahdem aktar minn tlieta u hamsin siegha fil-gimgha u cioe' ben oltre l-kundizzjonijiet imnizzla fil-kuntratt. Li tahdem iktar minn erbghin siegha fil-gimgha skont il-kuntratt kellha tkun l-eccezzjoni u mhux il-prassi. F'Dicembru l-gurnata taghha kienet tibda fit-tmienja u nofs ta' filghodu u tibqa' ghaddejja sat-tmienja ta' filghaxija minghajr waqfien stante l-appuntamenti zejda kollha li kienu jigu accettati. Hija tghid li sabiex ir-rendikont tal-paga ma jirriflettix aktar mis-sighat stipulati fil-kuntratt, generalment dawn is-sighat zejda kienu jitnizzlu u jinqasmu fir-rendikonti tax-xhur li jkun imiss. B'konsegwenza li kien jigri huwa li fejn is-sengha titlob li per ezempju ghal *make up service* suppost tiehu madwar nofs siegha, kienet

tkun trid tispicca taghmlu fi kwarta. Hija personalment u bhala *assistant manager* qatt ma qablet ma' dawn il-kundizzjonijiet ghax ma temminx li jaghmel gid lir-reputazzjoni tan-negozju pero' hija ma setghat taghmel xejn bhala mpjegata biex tibdel dawn l-affarijiet.

Il-konvenuta ddikjarat li wara li pprezentat l-ittra ta' rizenja mix-xoghol lis-socjeta' attrici, huma gidbu lill-ex-kollegi taghha u qalulhom li hi giet imkeccija ghaliex allegatament qabduha tisraq il-klijentela taghhom haga li mhijiex minnha. Kienu avzawhom ukoll li jekk jaqbdu lil xi hadd jikkuntatjaha kienu ser isofru l-konsegwenzi.

Hija sostniet li dawn il-maltrattamenti kollha kissruha mentalment, fizikament u emozzjonalment ghax dawn l-abbuzi kollha ma hallewhiex tkompli tghix il-hajja privata taghha. Sfortunatament kien hemm min kien fi stat ghar minn taghha specjalment dawk l-impjegati l-godda ghax wara ftit gimghat kienu jindunaw kif kienu jigu trattati u kienu jmorru jifthu qalbhom maghha bhala l-*assistant manager* u ta' spiss kienu jibku u jiddispraw. Kien hemm min sahansitra waqa' f'depression.

Il-konvenuta kkonfermat li hi qatt ma ppromwoviet jew irreklamat xi prodotti ohra tul l-impjieg taghha anzi sostniet li hi dejjem kienet lejali u kienet tressaq hafna xoghol lejn il-kumpanija. Il-konvenuta qalet li s-sentiment f'dak ix-xoghol kien wiehed komuni. Hadd ma kien ghal qalbu jahdem mas-socjeta' attrici minhabba dawn il-maltrattamenti u dan jghodd ghal kwalunkwe grad ta' haddiem. Stqarret li kulhadd kien herqan jistenna li jiskadi t-terminu tal-kuntratt sabiex ikunu jistghu jitilqu minn hemm u jergghu jirripristinaw il-hajja taghhom. Tul dan kollu l-paga dejjem baqghet mizera u l-*bonuses* imwieghda hafna drabi ma kienux jilhquhom minhabba li r-rekwiziti mposti kienu kwazi mpossibbli li jintlahqu.

**Il-konvenuta Alkida Rama** xehdet in kontro-ezami fit-18 ta' Marzu 2015 fejn giet murija dokument ezebit f'dawn l-atti a fol 3 tal-process u kkonfermat li dan huwa l-kuntratt li hija ffirmat ghalih mas-socjeta' attrici. Hija gharfet fuqu l-firma taghha u qalet li effettivament kienet marret fil-kumpanija tal-partner taghha bl-isem Malcolm Mintoff. Illum-il gurnata hija tahdem ma' Paloma Cosmetics u filfatt Malcolm Mintoff huwa wiehed mid-diretturi taghha. Naturalment din is-socjeta' ghandha mpjegati ohrajn fejn persuna minnhom originarjament kienet tahdem ukoll ma' Inglott. Din jisimha Jacqueline Zerafa nee' Ciavola.

Spjegat illi a fol 2 tal-process hemm ukoll l-ittra ta' rizenja taghha. Hija kienet ipprezentat din l-ittra ta' rizenja taghha mhux ghax qalulha li kienet qed tikser xi kundizzjoni tal-kuntratt taghha izda ghax kienet xebghet mix-xoghol u ma hasbitx li setghat tkompli f'dan ix-xoghol. Hija pero' qabel ma spiccat mix-xoghol taghha mas-socjeta' attrici ma kinitx qed tippromwovi l-prodotti tas-socjeta' ma' min qed tahdem illum-il gurnata. Ix-xhud stqarret illi waqt li hija kienet qed tahdem mal-hanut Inglott, kien hemm okkazjonijiet meta hija ghamlet like fuq il-Facebook fuq prodotti ta' nies ohra. Pero' sostniet li hija m'ghamlet l-ebda promozzjoni fis-sens illi tellghat xi write-up fuq dik is-socjeta' ma' min qed tahdem illum jew biex issahhah in-nies biex imorru jixtru minghandha. Hija kienet tokkupa l-kariga ta' assistant manager mas-socjeta' attrici. L-attrici giet murija dokument ezebit fl-atti a fol 57 u qalet illi din hija memo li giet indirizzata lilhom ilkoll. Hija kienet iffirmatha din il-memo wkoll. Effettivament hija fehmet li kienet informazzjoni li kienet qed tigi mibghuta lil kulhadd u hija ffirmat bhala ricevetatur u li qrajtha.

Mistoqsija x'inhu NYX wiegbet li hija marka tal-*make-up* u huwa hanut li llum-il gurnata tahdem fih. Hija kkonfermat illi kienet ghafset like fuq il-pagna tal-Facebook ta' NYX Malta. Ma tafx pero' jekk filfatt hux aktar minn darba jew le. Beauty Inc Malta hija skola tal-beauty ukoll li hija kienet ghafset like ghax kien hemm post. Mistoqsi min hi Steffi Buliosovic wiegbet li din hija *make-up*

*blogger*. Hija stqarret illi peress li tahdem fil-*beauty* hija taghmel likes fuq affarijiet li jikkoncernaw u jinteressaw lilha. Stephanie Buliosovic ma tahdimx ghalihom jew maghhom izda hija *make-up blogger*. Stephanie Hodgkins hija wkoll *make-up artist* u ma tahdimx maghha.

Hija kienet bdiet tahdem ma' NYX xi sitt xhur wara li kienet terminat l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici. Il-konvenuta ddikjarat illi hija ma telqitx tahdem ma' Inglott ghaliex kellha xoghol iehor jistenniha. B'referenza ghad-dokument a fol 29 u cioe' dokument CSH1 spjegat li dawn huma l-*particulars* li hija kienet tat lis-socjeta' attrici meta bdiet l-impjieg taghha maghhom u kkonfermat li f'dan l-istess dokument kienet kitbet li hija kienet lesta li tahdem Hdud u festi fix-xahar ta' Dicembru u oltre dan illi l-hinijiet kienu se jkunu mid-disgha u nofs ta' filghodu sas-sebgha u nofs ta' filghaxija bhala hinijiet ta' ftuh ta' dan il-hanut u filfatt kienet lesta wkoll li taghmel overtime.

Il-konvenuta giet murija dokument a fol 34 tal-atti. Hija spjegat li kienet gabet in-nazzjonalita' taghha Maltija u l-*work permit* gabitu sentejn wara u qalet li filfatt hija kienet diga' applikat xi hames snin qabel. Ikkonfermat li s-socjeta' attrici ghenietha biex iggib il-*work permit* u sahansitra kienet anke rringrazzjat il-familja ta' Aquilina meta kienu tawha din il-*work permit* u kkonfermat li dan id-dokument kien kollu miktub minnha u kkonfermat il-kontenut tieghu. Hija spjegat illi d-dokument a fol 35 huwa email mibghuta minnha fejn hija accettat il-kundizzjonijiet li kienu tawha waqt l-interview taghha. Il-konvenuta stqarret illi meta kellha l-interview ma' Mr Aquilina deher li kollox kien ha jimxi harir. Pero' meta bdiet tahdem is-Sur Aquilina ma kienx ikun hemm il-hin kollu u filfatt jaf ftit minn dak li jkun ghaddej. Hija ddikjarat li s-sitwazzjoni kienet differenti. Ikkonfermat illi effettivament din l-email kienet giet mibghuta minnu wara hames xhur biss li bdiet tahdem maghhom.

Il-konvenuta effettivament kienet marret ukoll kors ta' *management training skills* kif jirrizulta mill-atti a fol 39. Filfatt kienet is-socjeta' stess li taghthom

din l-opportunita'. Hija stqarret li hija kienet marret ghal dan is-seminar minkejja li kienet bil-*leave*. Ghaliha dan kien relatat max-xoghol u filfatt kienet *weekend break* u wara l-kors kellha terga' tmur lura. Ma kinitx hija li applikat ghal dan il-kors, izda kienet il-kumpanija li baghtitha u s-Sur Aquilina qabbadhom hu stess u qalilhom li riedu jattendu dawn il-*courses* bilfors. Filfatt kien ikollhom laqghat fil-gurnata *off* u kien ikollha tmur. Mistoqsi jekk thallasx ghal dawn il-korsijiet wiegbet illi ma tiftakarx. Hija ghandha cittadinanza Maltija meta bdiet tahdem mas-socjeta' attrici u dan fl-20 ta' April 2012 waqt li kienet qed tahdem mas-socjeta' attrici. NYX Malta hija ditta Ma kinitx hi li gabet din id-ditta hawn Malta u lanqas hija nvoluta f'xi negozjati. Charlene Dalli Mintoff hija oht il-partner taghha.

Ix-xhud ikkonfermat li a fol 64 sa 67 hemm l-applikazzjonijiet tal-leave taghha u d-dokumenti 64 sa 67 ghandhom il-firma taghha. Dawn gew mimlija minnha u gew approvati mill-manager taghha u qalet illi minn fol 79 sa 106 temmen li dawn huma l-*attendance sheets* taghha. Hija kienet timla' *manual attendance sheets* u l-manager kien jissorvelja dak li kienet qed taghmel. Jista' jkun illi xi kultant kienet tinsa' tippancja u xi kultant ma kinitx tiehu l-*punch clock* stess u ghalhekk kienu jaghmlu l-affarijiet *manually*. Meta jkun hemm bzonn l-ghajnuna kienet tiehu hsieb ta' haddiehor ukoll u ghalhekk ma kinitx hi li kellha responsabbilta' totali. Il-manager kienet timla' dawn l-*attendance sheets* u kieku jkollha bzonn l-ghajnuna, il-konvenuta kienet tghinha jew per ezempju l-manager tkun bil-leave kienet tghinha hi u ghalhekk il-hinijiet tal-impjegati kienet tkun tafhom.

Hija ddikjarat illi meta Malcolm Mintoff kien mar maghha biex tiffirma l-kuntratt, hija haditu maghha bl-ideja sabiex jghinha tifhem dan il-kuntratt. Il-kuntratt kien difficli biex jinftihem kemm ghalih u kemm ghaliha pero' sostniet li ma kellhomx l-opportunita' sabiex jiehdu l-kuntratt maghhom biex jaqrawh bil-kwiet jew jiehduh ghand avukat. Hija qalet illi ghalkemm qratu, hafna mill-affarijiet ma fehmithomx u lanqas ma setghu jiddiskutu bejniethom. Filfatt is-

Sur Aquilina kien prezenti waqt li kienu qeghdin jaqraw dan il-kuntratt u ghalhekk ma setghux jiddiskutuh wisq pero' cio' nonostante hija ffirmatu.

Il-konvenuta ddikjarat illi ma tafx ezattament kemm jimpjega nies Mr Mintoff. Taf li fil-hanut fejn tahdem hi qeghdin ghaxar min-nies. Malcolm Mintoff huwa wkoll ta' GS Superstore li ghandu diversi supermarkets madwar Malta. Mistoqsi ghaliex effettivament spiccat iffirmatu dan il-kuntratt wiegbet illi din hija kwistjoni ta' haga li dejjem xtaqet taghmel. Hija ddikjarat illi bhall-procedura tar-Rocs hija qatt ma rat imkien ghalkemm ilha tahdem minn mindu kellha sittax-il sena. Ikkonfermat illi kuntratt bhal dan qatt ma rat. Anki fejn qieghda tahdem illum-il gurnata m'ghandhiex kuntratt bhal dan, la hija u lanqas l-impjegati l-ohra.

Il-konvenuta stqarret illi l-ewwel hames xhur li kienet hadmet mas-socjeta' attrici kienu tajbin hafna, kellha hafna opportunitajiet u sahansitra anke giet promossa. Hija ndunat biss kif kienet qed tahdem wara sena u nofs li kienet tahdem maghhom. Tghid illi kull sena jinzammu *appraisals* fil-kumpanija fejn kull *staff member* jiffirma dokument u tinghata *feedback* dwar il-*performance* taghha naturalment sabiex jissahhah l-andament tal-kumpanija. Sa fejn taf hi, hija kienet tmur tajjeb u kien ghalhekk li giet promossa.

Mistoqsija jekk hija qattx sollevat dawn il-problemi qabel wiegbet illi iva sollevathom u kien ikollha laqghat ma' Mr Aquilina. Hija stqarret illi kienet tiddiskuti l-problemi taghha diversi drabi mal-manager taghha, fejn din kienet tressaq l-ilmenti taghha mas-Sur Aquilina. Taf illi effettivament is-socjeta' Rocs kienet ghamlet negozju mal-partner taghha wkoll. Hija ma tafx x'relazzjoni kellu Mr Aqulina mal-partner taghha. Ikkonfermat illi Edwina Busuttil kienet tgorr fuq il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha. Pero' hija giet infurmata illi effettivament mhux minnu dan ghaliex Romina Busuttil kienet lesta li tigi bil-gurament tghid li mhux minnu. Hija stqarret illi ma tafx fejn tahdem Edwina Busuttil illum-il gurnata.

**Alkida Rama** xehdet in kontro-ezami nhar il-15 ta' Frar, 2017 fejn qalet illi hija spiccat mill-kariga taghha mas-socjeta' attrici bhala assistant manager u kienet damet tokkupa dik il-kariga ghal dik l-ahhar sena. Il-perjodu kien xi madwar sena, sena u nofs. Hija effettivament kienet tassisti lill-manager, per ezempju biex jibghatu xi haddiema ghall-*break*. Pero' d-decizjoni ma kinitx hi li tohodha. Meta l-manager taghha kienet tkun off, kienet tassisti manager ohra. Ghalhekk ma tiftakarx li kien hemm xi okkazjonijiet meta kienet tkun wahidha. Dejjem kien ikun hemm manager u qalet li kien hemm xi seba' tfajliet jahdmu mat-tim taghhom.

Naturalment relazzjonijiet kellha whud tajbin u whud le. Ir-responsabbilita' taghhom kienet li jifthu u jaghlqu l-hanut, *cash operation*, *appointment, coordination of breaks* mal-istaff u jekk kien hemm xi tfajliet li kellhom xi problemi, kienu jirrappurtaw direttament lill-manager. Gieli effettivament kien ikun hemm xi impjegata li kienet tgorr fuq xi problema partikolari, u x-xhud kienet tghid lill-manager biex ikellmuha, pero' d-decizjonijiet ma kinitx tohodhom hi. Qalet li pero' kienet tkun prezenti ghall-laqghat tal-management. Kien ikun hemm il-managers, Mr Colin Aquilina u hi stess. Effettivament kien ikun hemm persuna wahda li kienet tindirizza l-problemi tal-haddiema u kienet tikkomunika mad-diretturi. Naturalment hija ma kinitx tippartecipa u toqghod twassal il-*complaints* tan-nies ghax hija ma kelliex il-poter u allura ma kienet taghmel xejn dwar dan. Per ezempju lanqas *roster* ma' setghet taghmel hi bhala *assistant manager*. Kienu jaghmluha ta' fuqha minkejja li kienet tippretendi li haga bhal din taghmilha hi. Qalet li jekk ma kinitx sejra zball ghamlet xi hames xhur tahdem bhala *make-up artist,* imbaghad kellha laqgha ma' Colin Aquilina u qallha li xtaq li hija ssir assistant manager u kellha zieda fil-paga ta' xi mitt ewro (€100). Mistoqsija jekk hija ffirmatx xi ftehim jew dokument sostniet li ma tiftakarx.

**Alkida Rama** regghet xehdet in kontro-ezami nhar is-26 ta' April 2017 fejn mistoqsija jekk kinitx irceviet xi emails minghand Colin Aquilina qalet li iva kienet tircievi emails bhal kull manager iehor. Pero' qatt ma rceviet xi email fejn kien hemm indikat x'inhuma d-doveri taghha. Giet murija dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dokumet XX u qalet li effitivament hija kienet irceviet din l-email nhar l-20 ta' April 2011 meta hija kienet gja tokkupa l-kariga ta' assistant manager. Fil-fatt kienet ghadha kemm giet promossa. Mistoqsija jekk hemmx indikat x'inhuma d-doveri taghha f'din l-email hija qalet li iva hekk hu. Mistoqsija jekk kinitx ipprezentat xi risposta, qalet li trid tivverifika ghax naturalment ghadda z-zmien. Mistoqsija jekk effitivament kinitx baghtet xi risposta qalet li ma tiftakarx pero' probbabilment b'rispett li kien ikollha ghas-Sur Aquilina kienet  twiegeb, pero' mhix certa dwar dan.

**Jacqueline Ann Ciavola** xehdet fit-12 ta' Marzu 2014 fejn ikkonfermat li hija kienet tahdem fl-istess kumpanija ma' Rama Alkida fil-hanut Inglott li jappartjeni lil Charichelon Company Limited. Hija ghamlet tliet snin tahdem maghhom pero' llum il-gurnata m'ghadhiex tahdem hemm, filfatt ilha li telqet xi sitt xhur u nofs. Hija ma' Inglott kienet tiehu hsieb li taghmel id-dwiefer, xaghar u sahansitra anke *makeup* lit-tfajliet pero' fis-CV taghha hija dahlet bhala *hairdresser.*

Ix-xhud spjegat li l-konvenuta fil-fatt kienet il-manager taghha u x-xhud gieli kienet titkellem maghha u tghidilha li l-affarijiet ma kienux qed joghgbuha waqt ix-xoghol. Per ezempju tant kemm kienu jkunu okkupati bix-xoghol li ma kienux jaghtuha l-*breaks* u kienu jkunu *restricted*. Hija taf li kien ikun hemm *over booking* bhala appuntamenti. Ix-xhud tenniet li kien hemm problema dwar il-*leave,* per ezempju jekk tapplika ghal-*leave* ma kienux jaghtuha risposta dakinhar stess u jekk ikunu bis-sick *leave* kienu jcemplulhom il-hin kollu sabiex jaraw meta ser jidhlu ghax-xoghol. Hija sostniet li jekk per ezempju kellhom allokat nofs siegha ma' kull klijent, effettivament kienu jdahhlu zewg appuntamenti fl-istess perjodu ta' nofs siegha. Hija ddikjarat li fil-fatt ix-xoghol

taghhom kien stressanti hafna. Meta kienu japplikaw ghal-leave kienu japplikaw lill-managers u wara l-managers kienu jiffowerdjaw l-emails taghhom lil ta' fuqhom. Filfatt sakemm ikollhom risposta jkun wasal iz-zmien sabiex huma jkunu jistghu jikkonfermaw. Gieli kien hemm okkazjonijiet meta kien ikollhom risposta minnufih pero' hafna drabi kienu jdumu.

Ix-xhud stqarret li l-konvenuta kienet tkun stressata hafna fuq ix-xoghol ghax ma kienx ikun hemm kollaborazzjoni bejn il-*managers* li kienu jkunu fuq ix-xoghol fl-istess zminijiet maghha. Hija taf li kienet tkun fuq *floor* tikkumbatti ma' hanut shih wahedha. Is-sighat tal-managers kienu itwal minn tax-xhud, kienu jidhlu fit-tmienja u nofs u gieli jaghlqu fit-tmienja ta' bil-lejl.

Hija tiftakar li ghall-habta ta' Dicembru ta' xi sentejn qabel taf li l-konvenuta kellha *accident*, kienet effettivament flippjat bil-karozza u kienet gurnata meta kienu *busy* hafna l-hanut. Fix-xahar ta' Dicembru filfatt bil-kemm kien ikollhom *break* u tiftakar li meta kienu telqu mill-hanut dakinhar, hija kienet ghadha hemm. Hija tiftakar li dakinhar meta kellha l-*accident* kienet ghamlet tnax-il siegha shah il-hanut u kienet ghajjiena hafna. Hija tiftakar li xi jumejn jew tlieta wara dan l-accident kienet giet lura ghax-xoghol taf li kienet mimlija *bruises* ghalkemm ma kienetx *fit* sabiex tigi lura ghax-xoghol pero' l-imputata kienet marret lura ghax-xoghol ghax kienu mhabbtin hafna bix-xoghol.

Ix-xhud stqarret illi qatt ma rat il-kuntratt ta' Alkida. Hija tiftakar li meta kien ikollhom l-*appraisal reports* kien staqsiha jekk hix interessata ghal promozzjoni u taf li meta d-direttur Colin Aquilina kien jitkellem, kien jghidilhom li l-managers kienu jidhlu aktar kmieni minnhom sabiex jippreparaw ghal gurnata xoghol. Pero' hija l-kundizzjonijiet *per se* tal-konvenuta ma tafhomx. Ix-xhud taf li apparti Alkida hemm zewg managers ohra li huma Edwina u Helen. Wahda kienet *retail manager* u l-ohra li kienet tiehu hsieb il-hanut kollu jisimha Helen Vella Galdes. Pero' l-konvenuta kienet *make up artist.* Hija spjegat li meta qalet li kien ikun hemm zewg managers fuq, Edwina u Helen, riedet tfisser

li dak xoghlhom suppost kien isfel ghax fuq kienu jkun hemm managers ohrajn. Dak iz-zmien kien hemm certu Darline, Clint u Edwina li dak iz-zmien kienet tisplitja minn fuq ghal isfel. Spjegat li fuq hemm *hairdressing* u dwiefer u isfel *makeup.*

**Amanda Greaves** xehdet fis-7 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjarat li hija kienet tahdem ma' Inglott li taghmel parti minn ROCS Group bejn is-snin 2010 u 2012 u dan fil-kapacita taghha ta' *makeup artist* u *sales representative.* Fil-fatt il-konvenuta kienet tahdem maghha. Illum il-gurnata pero' hija ma ghadhiex tahdem hemm. Fil-fatt is-socjeta' attrici ipprezentat kawza fil-konfront taghha wkoll. Ix-xhud spjegat li l-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha waqt li kienet ghadha tahdem maghhom kienu kefrin hafna. Hija stqarret li kien ikollhom hafna *pressure,* per ezempju jekk persuna tkun bis-*sick leave* din lanqas tkun mistrieha ghaliex icemplulhom xi sitt darbiet biex ikellmuhom sabiex jidhlu ghax-xoghol. Hija qalet ukoll li jekk ikollok gurnata leave kienu jcemplulek biex tidhol ghaliex ikollok xi laqgha jew biex tidhol xoghol. Is-socjeta' attrici ghandha l-procedura illi f'Jannar ta' kull sena trid tibbukja l-leave ta' sena shiha. Ix-xhud stqarret illi naturalment hadd ma jkun jaf x'ser jigri f'sena shiha. Hija sostniet illi ma tkunx tista' tipprogramma ezattament sena shiha x'ser isir minnek.

Ix-xhud stqarret illi fix-xahar ta' Dicembru lanqas saret thobbu meta suppost ikun l-aktar zmien ferriehi, ghax kienu jkunu *over booked.* Spjegat illi meta suppost kienu jdumu nofs siegha fuq klijenta, kien ikollhom zewg klijenti f'nofs siegha. Fil-fatt lanqas kienet tahseb li tiehu break, u qalet li ghalkemm kienet tkun taf fi x'hin tidhol ghax-xoghol, pero' ma kinitx tkun taf fi x'hin ser tohrog. Sick leave huwa *out of the question* u kienu jidhlu ghax-xoghol anke bid-deni. Dan kien japplika ghal kulhadd, ghal haddiema kollha. Kien ikun hemm min ikun sick leave u jidhol ghax-xoghol, min ikun bil-leave jidhol ukoll, min ikun weekend break gieli jidhol ukoll ghax-xoghol. Hija ddikjarat illi minhabba dawn il-kundizzjonijiet kiefra hija kellha titlaq mix-xoghol. Fil-fatt stqarret illi

peress li tkun dejjem *under pressure* anke l-karattru jispicca jinbidel. Hija damet tahdem maghhom tlett snin. Hija stqarret illi damet dan iz-zmien kollu peress li kien difficili li tohrog mill-kuntratt.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici prezentata fl-atti nhar il-31 ta' Awwissu 2017 u n-nota responsiva tal-konvenuta ipprezentata nhar l-24 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018 il-partijiet trattaw il-kawza verbalment u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioe' li l-karta ta' identita' taghha hija indikata b'mod erronju, Dr Vincent Galea talab korrezzjoni fl-okkju fis-sens tan-numru tal-karta ta' identita tal- konvenuta jigi kkancellat u sostitwit bin-numru 24707A. Illi l-konvenuta ma kellhiex oggezzjoni ghal din it-talba u ghalhekk seduta stante din l-Qorti laqghet it-talba tieghu u ordnat li jkun hemm il-korrezzjoni kif mitluba fl-okkju u f'kull fejn jidher dan l-istess numru.

Dwar il-kawza ut sic, jinghad li s-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenuta thallasha is-somma ta' €6,900 (skond id-dokument mmarkat bhala Dok CSH 11 esebit a fol. 60 tal-process) rapprezentanti somma dovuta minnha meta hija tterminat l-impjieg taghha b'mod unilaterali permezz ta' ittra li ma ghandiex data pero' li giet ricevuta mis-socjeta' attrici nhar l-4 ta' Marzu 2013 (Dok A) u fil-fehma tas-socjeta' attrici dan sar bi ksur tal-kuntratt ta' impjieg datat 21 ta' Ottubru 2010 (immarkat bhala Dok B), liema kuntratt kellu effett mill-5 ta' Ottubru 2010 ghall-perjodu ta' erba' snin.

Illi fil-fehma tal-konvenuta hija kellha kull dritt li tittermina l-impjieg taghha u dan ghaliex hija kienet soggetta ghal kundizzjonijiet kiefra fuq ix-xoghol

fosthom kundizzjonijiet mhux xierqa bhal sieghat twal, cahdiet kontinwi ghat-talbiet taghha ghal leave. In oltre sostniet li ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt tal-impjieg taghha datat 21 ta' Ottubru 2010 kif allegat is-socjeta' rikorrenti u dan stante dak li jiddisponi l-Artikolu 36(14) tal-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali fejn hemm esenzjoni lill-impjegati mill-obbligu li jaghtu avviz tat-temm tal-impjieg. In oltre sostniet ukoll li fi kwalsiasi kaz li l-kuntratt ta' mpjieg de quo jidderoga mill-ligi favur l-impjegat, fis-sens li anke kieku jinstab li l-intimata ma kellhiex raguni tajba li tittermina l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici, kull ma ghandha thallas ghas-saldu huwa l-korrispettiv ta' xahar paga.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi bhal fatti jirrizultaw is-segwenti fatti li m'humiex kontestati.

1. Il-konvenuta bdiet tahdem mas-socjeta' attrici fil-21 ta' Ottubru 2010 wara li kienet iffirmat kuntratt ta' impjieg esebit fl-atti a fol 3 immarkat bhal Dok B u dan skond il-kundizzjonijiet hemm imsemmija.
2. Dan il-kuntratt kien wiehed definittiv ghall-perjodu ta' erba' snin mid-data tal-ftehim (vide Dok B klaswsola numru 2 fol. 3).
3. Illi wara perjodu ta' zmien il-konvenuta ddecidet li tittermina l-impieg taghha billi baghtet ittra ta' rizenja u dan qabel ma z-zmien definittiv imsemmi fil-kuntratt ghalaq.
4. Illi l-ittra imsemmija waslet ghand is-socjeta' attrici nhar l-4 ta' Marzu 2013.
5. Illi in segwitu is-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuta sabiex thallasha din is-somma hekk likwidata minnha pero' baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet jirrizulta li hemm klawsola ta' x'ghandu jsir meta l-impjegata u cioe' l-konvenuta trid titlaq mix-xoghol naturalment qabel iz-zmien.

Qed issir referenza ghall-klawsola numru 10.3 fejn hemm indikat li:
"*Should the Employee decide to terminate this contract, in any case and circumstance the employee must give the employer one month notice period. Such intention of termination must be communicated to the employer by way of registered mail addressed to the Managing Director and sent to the registered office of the employer. For all intents and purposes the notice period shall be considered as active from the first day the Directors of the Company receive the registered letter".*

Illi jidher mill-atti processwali li l-konvenuta segwiet dan mistenni minnha fis-sens li nfurmat lis-socjeta' attrici u cioe' l-*employer* taghha li kienet qed tittermina l-impjieg taghha permezz tal- ittra esebita fl-atti a fol. 60. Dwar dan il-fatt ukoll ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Il-punt ta' divergenza jew ahjar ta' kontestazzjoni bejn il-partijet hi jekk l-konvenuta ghandiex thallas is-somma mitluba mis-socjeta' attrici, liema somma tirrapprezenta 50% tal-basic wage ghall-'dishonoured period' ta' sena u tmien xhur u dan ai terminu tal-Artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha tghid li skond l-Artikolu 36(14) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali hija ezentata mill-obbligu li taghti avviz tat-temm tal-impjieg taghha. Dan is-sub-artikolu jipprovdi s-segwenti:

"*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel dan l-artikolu, principal jista' jibghat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal- principal, minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-sub artikolu (10) (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz.*"

Ghalhekk dan l-artikolu jipprovdi ezenzjoni mid-deroga kontenuta fl-artikolu 36(12) jekk ikun hemm "*raguni tajba u bizzejjed*". Naturalment f'dan ir

rigward tali 'raguni tajba u bizzejjed' trid issir minn min qed jallega li ghandu tali "*raguni tajba u bizzejjed*" li f'dan il-kaz hi l-konvenuta.

Illi jinghad pero' li fil-kuntratt ta' impjieg iffirmat bejn il-partijiet ma hemm l-ebda klawsola li tghid dwar x'ghandu ikun il-kumpens f'kaz li l-kuntratt jigi terminat fi zmien qabel il-perjodu definittiv ta' erba' snin. Hu ghalhekk li s-socjeta' attrici qed titlob is-somma likwidata minnha ai termini tal-Artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 34(1) tal-Kapitolu 452 li jiddisponi is-segwenti:

34.(1*) "Mingħajr ħsara għal dak li hu preskritt xort'oħra f'dan l-Att, il-kondizzjonijiet tal-impieg f'kuntratt għal żmien speċifikat ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li kienu jkunu japplikaw li kieku l-istess kuntratt tal-impjieg fl-istess post tax-xogħol kien għal żmien bla limitu, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi."*

Ghalhekk la f'dan il-kaz fil-kuntratt ma hemm xejn li jipprovdi dwar x'jigri f'kaz li l-impjieg jigi terminat qabel iz-zmien definittiv, trid issir referenza ghall- dak li tistipula l-Ligi u cioe' dak imsemmi fl-Artikolu 36(12) tal-istess Kapitolu 452 u cioe':

(12) "*Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem*":

Ghalhekk it-talba li qed issir mis-socjeta' attrici kif formulata fir-rikors promotur saret b'mod korrett. Jirrispetta pero' li din il-Qorti tara jekk l-konvenuta rnexxilhiex tipprova r-raguni '*tajba u bizzejjed*' sabiex tiggustifika t-terminazzjoni unilaterali taghha mix-xoghol.

L-avukat difensur tal-konvenuta ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet '**Charichelon Company Limited vs Maureen Greaves**' deciza nhar is-17 ta' Mejju 2016, pero' din il-Qorti ssotni l-fatti specie tal-kaz m'humiex l-istess u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha taghmel referenza ghaliha u cioe' ghall-fatti tal-kaz. Saret ukoll referenza ghal sentenza ohra deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet '**Lufthansa Teknik Malta Limited vs Ramon Caruana'** deciza fis-7 ta' Mejju 2014. F'dan ir-rigward din il-Qorti wkoll tghid li il-fatti specie tal-kaz ma kinux l-istess u dan ghaliex il-konvenut f'dik il-kawza u cioe' Ramon Caruana kienipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament kellhu kaz ta' 'constructive dismissal' minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jinghata wara li huwa kien irritorna lura mill-Germanja u nghata training partikolari ta' spray painter.

Il-Qorti thoss li ghandha taghti tifsira ghal dak li verament ifisser '*constructive dismissal'* u ghal dan il-ghan taghmel referenza ghal dak li qal l-awtur **Selwyn,** fil-ktieb tieghu Intestate Law of Employment[1] dwar *constructive dismissal*:

"*The test for constructive dismissal was to be determined by the contract test, whether the employer's conduct amount to a breach of contract which entitled the employee to resign. The 'unreasonable conduct' theory was dismissed as leading to a finding of constructive dismissal on the most whimsical grounds. Since there had been no breach of contract by the employers in Sharp's case (for the employers were under no contractual obbligation to make the payments which were requested) there was no dismissal constructive or otherwise*".

Pero' f'din il-kawza bhal kif gara fil-kawza fl-ismijiet **Charichelon Company Limited vs Maureen Greaves**'[2] deciza mill-Qorti ta' l-Appell, il-konvenuta ma ddefendietx ruħha billi nvokat eċċezzjoni ta' *constructive dismissal* iżda li kellha, "*raġuni tajba valida u sufficjenti fil-liġi sabiex ma tkomplix fl-impjieg*

[1] Erbatax-il edizzjoni.
[2] Appell numru 309/2013 deciza fit-22 ta' Settembru 2017.

*tagħha mas-soċjeta' attrici* " (ara tieni eċċezzjoni)[3]. Fejn kif stqarret dik l-Qorti d-difiża hi iktar wiesa' minn dik ta' *constructive dismissal,* "fejn il-ġurisprudenza stabbiliet li biex tirnexxi jrid ikun hemm ksur tal-kuntratt ta' impjieg min-naħa tal-prinċipal. Filfatt f'dawk il-każijiet huwa l-impjegat li għandu dritt li jħarrek lill-prinċipal. Fis-sentenza appellate, il-Qorti għamlet riferenza għas-sentenza **Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck**[4] kwotata mill-istess socjeta' attrici fejn dik il-Qorti qalet:

"*Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza jirritjenu li l-kunċett "tar-raġuni tajba u biżżejjed" (good and sufficient cause), mhux definit mil-liġi, hu ravviżat f'dawk il-fatti u mġieba tali li jġibu t-tnaqqis ta' dik il-fiduċja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport prinċipal-impjegat. Oltre l-inadempjenza kuntrattwali per se, fir-raġuni tajba jirrientraw fatti kemm soġġettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment għal dak dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azjenda jew stabbiliment, u mhux lanqas il-portata soġġettiva tal-fatt innifsu, ossija ċ-ċirkostanzi verifikati fil-mottivi u l-intensita' tagħhom, kompriż kull aspett ieħor korrelat li jista' jinċidi negattivament fuq ir-rapport*".

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk bir-ragunijiet li resqet il-konvenuta rnexxilhiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija kellha raguni tajba u bizzejjed sabiex tittermina l-impjieg taghha qabel il-waqt bla ma tiffaccja il-konsegwenzi legali ta' tali decizjoni.

Jidher li l-konvenuta ghamlet zmien konsiderevoli tahdem mas-socjeta' attrici u dan ghall- perjodu ta' sena u ghaxar xhur mill-erbgha snin li ntrabtet li tahdem. Jirrizulta li f'dan il-perjodu l-konvenuta bdiet l-impjieg taghha bhala '*make up artist*' u sahansitra nghatat promotions tant li meta tterminat l-impjieg taghha kellha l-pozizzjoni ta' assistant manager. Jidher li l-konvenuta kienet kuntenta

[3] Ara risposta a fol. 11.
[4] Deciza nhar il-23 ta' Novembru, 2005),

bil-promotion li nghatat tant li hasset il-htiega li tibghat e-mail lis-socjeta' attrici nhar it-23 ta' April 2011 (vide Dok CSH 3) esebita fl-atti a fol 38 fejn stqarret is-segwenti "*I am dropping you these couple of lines to thank you and the rest of the directors for the recent promotion within INGLOT. I am very grateful for such an opportunity, and asure you of my dedicaton and commitment towards the company*". Anzi tkompli tghid li "O*ur recent meeting has motivaed me to work even harder; and I remain open to receive feedback from your end.*"

Pero' minkejja din l-email ta' ringrazzjament l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjoni taghha tghid li mal-promotion hija kellha iktar responsabbilitajiet u iktar pressjoni ta' xoghol. Naturalment wiehed jistenna li jekk ikun hemm avvanz fil-pozizzjoni ikun hemm responsabbiltajiet aktar. Tghid ukoll li ma kellhiex kumpens xieraq ma' din il promozzjoni pero' imkien ma jirrizulta fl-atti li f'xi hin l-konvenuta kelha xi lment f'dan ir-rigward salv ghal dak li ntqal fin-nota taghha.

Jirrizulta li in segwitu ghall-promozzjoni taghha, is-socjeta' attrici anke baghtitha ghall-korsijiet dwar management u dan fi Frar tas-sena 2012 u cioe' ghaxar xhur wara li hadhet il-promotion (vide Dok CSH 6 a fol. 39 tal-atti).

Fl-atti hemm esebita wkoll e-mail ohra datata 15 ta' Marzu 2012 fejn l-konvenuta rringrazzjat lis-socjeta' attrici ghal dak kollu li kienet qed taghmel ghaliha u ghall-opportunita' li giet moghtija lilha minnha fejn sahansitra anke ddikjarat li kien ikun difficli sabiex issib nies li jifhmu s-sitwazzjoni taghha. Hemm ukoll e-mail ohra datata 19 ta' April 2012 u dan b'referenza ghall-ghajnuna li s-socjeta'attrici tat lill-konvenuta sabiex totjeni 'work permit' fejn l-konvenuta tirringrazzja lis-socjeta' attrici ghal "patience and understanding" taghha.

Kien biss l-ittra li baghtet l-konvenuta f'Marzu 2013 fejn ghal darb'ohra, minkejja li kienet qed tirrizenja mix-xoghol taghha, rringrazzjat lis-socjeta'

attrici billi qalet “I appreciate the opportunities I have been given at Inglot and the professional guidance and support with which you have provided me.” Mhux hekk izda rringrazzjathom talli acettawha bhala parti mit-tim taghhom. In oltre stqarret ukoll “Please let me know if I can be of any assistance during the transition” (Dok CSH 10 a fol 59).

Ghalhekk is-socjeta’ attrici pprovat li l-konvenuta kellha relazzjoni tajba maghha u li in effetti t-terminazzjoni taghha giet bhal sajjetta fil-bnazzi. Is-socjeta’ attrici tghid li din giet promulgata ghaliex id-dipartiment tal-IT taghha sabet li l-konvenuta kienet qed taghmel like ghal xi prodotti kosmetici li kien ‘in competition’(vide fol 49 – 55) mas-socjeta’ attrici u meta s-socjeta’ attrici gibditilha l-attenzjoni taghha li ma setghetx taghmel hekk permezz ta’ email datat 28 ta’ Frar 2013 (fol. 57 Dok CSH 9), ftit jiem wara rrizenjat.

Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li hija ma setghetx tkompli tahdem mas-socjeta’ attrici minhabba l-kundizzjonijiet tax-xoghol. Tghid li hija applikat ghall-leave u dan fil-parti kbira kien jigi rifjutat. Mid-dokumenti esebiti minn Colin Aquilina dan ma jirrizutalhiex li huwa minnu ghaliex fil-fatt bhala statistika jirrizulta li in effetti 88% tad-drabi, t-talbiet taghha gew approvati (ara xhieda a fol. 52 ta’ Colin Aquilna li ma gietx kontestata u r-rapport intitolat ROCS a fol 64).

Stqarret li kienet tahdem hinijiet twal hafna kif fil-fatt qalet a fol. 113 li kienet taghmel 53 siegha fil-gimgha. Issa minn dak li stqarr Colin Aquilina u appuntu mir-rapport esebit fl-atti a fol.79 li jirrapprezenta l-*official punch clock timings* immarkat bhala Dok ROCS 3 a fol. 79, il-konvenuta kienet tahdem *an average* ta’ 45.7 siegha fil-gimgha u tal-*overtime* li kienet taghmel naturalment kienet tithallas.

Ilmentat ukoll li l-agir tas-socjeta’ attrici kien kissirha mentalment, fizikament u emozzjonalment. Pero’ provi dwar dan ma resqitx.

Illi x-xhieda li resqet u cioe' Amanda Greaves u Jacqueline Ann Ciavola ma jghidu xejn dwar l-impjieg tal-konvenuta per se izda iktar jitkellmu fuq l impjieg li kellhom huma fejn jidher evidenti li ma kienux kuntenti bix-xoghol li kellhom. Illi din il-Qorti ma tistax tiehu dak li qalu dawn ix-xhieda in isolazzjoni sabiex tghid li qed jikkorraboraw dak li stqarret l-konvenuta. Jidher car li l-konvenuta qalet dak li qalet waqt il kawza sabiex tipprova tahrab mir-responsabbilita' taghha li tonora l-ftehim li kellha u thallas dak dovut minnha bhala penali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li l-konvenuta rregolat ruhha waqt l-andament tal-kawza, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u tiddikjara li qed tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900).**

**Bl-ispejjez kontra l-intimata.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**